REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1440

tat-8 ta' Awwissu 2017

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/480 li jistabbilixxi regoli komuni li jikkonċernaw l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 jeżiġi li kull Stat Membru jżomm reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq li jkunu ġew awtorizzati minn awtorità kompetenti biex jeżerċitaw il-kariga ta' operatur tat-trasport bit-triq.

(2) L-Artikolu 16(5) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 jeżiġi li r-reġistri elettroniċi nazzjonali jkunu interkonnessi sal-31 ta' Diċembru 2012, filwaqt li jagħti mandat lill-Kummissjoni biex tadotta regoli komuni li jikkonċernaw din l-interkonnessjoni.

(3) Il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (UE) Nru 1213/2010 ([2]) biex tkun tista' ssir l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali mitluba mir-Regolament (KE) Nru 1071/2009, permezz tas-sistema tal-iskambju tal-messaġġi elettroniċi msejħa l-ERRU (ir-Reġistri Ewropej tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq).

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 1213/2010 tħassar mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/480 ([3]) biex tiġi stabbilita verżjoni mtejba tal-ERRU sat-30 ta' Jannar 2019.

(5) L-ERRU fih żewġ strutturi paralleli għall-iskambju tal-messaġġi bejn l-Istati Membri. L-ewwel struttura hi msejsa fuq sistema ċentrali mmexxija mill-Kummissjoni. Din is-sistema ċentrali tgħaqqad id-dejta tat-traffiku billi tiġbor il-messaġġi mibgħuta mill-Istati Membri u sussegwentement tibgħathom lill-Istati Membri li għalihom ikunu indirizzati l-messaġġi. Inkella l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jużaw netwerk kummerċjali kompatibbli biex jiskambjaw il-messaġġi direttament bejniethom (konfigurazzjoni bejn il-pari), mingħajr ma dawn il-messaġġi jgħaddu mis-sistema ċentrali.

(6) Peress li messaġġi skambjati direttament bejn l-Istati Membri ma jiġux direzzjonati mis-sistema ċentrali, in-nuqqasijiet eventwali fis-sistema b'rabta ma' dawk il-messaġġi jgħaddu mingħajr ma l-Kummissjoni tinduna bihom; għalhekk il-Kummissjoni mhix f'pożizzjoni li tissodisfa r-rwol tagħha bħala meniġer ġenerali tal-ERRU billi tieħu l-azzjoni korrettiva korrispondenti, u minħabba f'hekk jixxekkel it-tħaddim tajjeb tas-sistema kollha kemm hi.

(7) Bil-konfigurazzjoni bejn il-pari, il-Kummissjoni ma jistax ikollha aċċess f'waqtu għall-informazzjoni dwar il-volum u l-karatteristiċi tal-messaġġi skambjati; għalhekk mhux possibbli li l-Kummissjoni jkollha stampa ġenerali dwar l-użu tal-ERRU, informazzjoni tant siewja għat-titjib futur tas-sistema.

(8) Il-problemi mġarrba bil-konfigurazzjoni bejn il-pari jnisslu l-ħtieġa li jkun żgurat li l-messaġġi kollha skambjati fil-qafas tal-ERRU jiġu direzzjonati mis-sistema ċentrali, u b'hekk titneħħa din il-possibbiltà mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/480.

([1]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1213/2010 tas-16 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi regoli komuni li jikkonċernaw l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport (ĠU L 335, 18.12.2010, p. 21).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/480 tal-1 ta' April 2016 li jistabbilixxi regoli komuni li jikkonċernaw l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1213/2010 (ĠU L 87, 2.4.2016, p. 4).

(9) Minbarra dan, għandhom isiru xi żidiet jew bidliet żgħar fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/480 biex jindirizzaw dawn l-aspetti li ġejjin b'mod aktar preċiż u aktar ċar: il-proċedura għall-konnessjoni mal-ERRU, it-testijiet li jridu jsiru u l-konsegwenzi jekk ifallu, il-kontenut ta' xi messaġġi XML, id-definizzjoni tal-proċedura tal-eskalazzjoni li għandhom isegwu l-Istati Membri f'każ ta' errors fis-sistema, u għal kemm żmien id-dejta personali tista' tinżamm fir-reġistri tas-sistema ċentrali. Għaldaqstant ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/480 jenħtieġ jiġi emendat skont dan.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma adottati skont il-proċedura konsultattiva stabbilita fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/480, jiżdied dan il-paragrafu li ġej:

"Il-konnessjoni mal-ERRU ta' Stat Membru għandha titqies li tkun ġiet stabbilita meta jitlestew it-testijiet tal-konnessjoni, tal-integrazzjoni u tal-prestazzjoni skont l-istruzzjonijiet u bis-sorveljanza tal-Kummissjoni. It-tul massimu ta' dawn it-testijiet għandu jkun sitt xhur. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri f'każ ta' falliment tat-testijiet imsemmija hawn fuq. Jekk dawk il-miżuri ma jkunux biżżejjed, il-Kummissjoni tista' tirtira l-appoġġ tal-ittestjar sakemm l-Istat Membru jagħti prova li jkun sar progress biżżejjed fil-livell nazzjonali fir-rigward tal-konnessjoni mal-ERRU";

Artikolu 2

L-Annessi I, III, VI, VII, u VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/480 għandhom jiġu emendati b'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

ANNESS

L-Annessi I, III, VI, VII u VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/480 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1.3 jinbidel b'dan li ġej:

"1.3. "Il-messaġġi kollha għandhom jingħaddu mis-sistema ċentrali.";

(b) il-punt 2.2 jinbidel b'dan li ġej:

"2.2. Is-sistema ċentrali m'għandhiex taħżen id-dejta għal iżjed minn sitt (6) xhur, għajr id-dejta tal-illoggjar, statistika u tad-direzzjonar kif stabbilit fl-Anness VII.";

(c) il-punt 2.3 jinbidel b'dan li ġej:

"2.3. Is-sistema ċentrali mhux se tipprovdi aċċess għad-dejta personali, ħlief lill-persunal awtorizzat tal-Kummissjoni, meta dan ikun meħtieġ għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-operazzjoni teknika, il-manutenzjoni u s-sejbien ta-soluzzjonijiet.";

(d) il-punt 2.6 jinbidel b'dan li ġej:

"2.6. Ġestjoni tal-kuntatti

Il-funzjonalità tal-ġestjoni tal-kuntatti se tipprovdi l-kapaċità lil kull Stat Membru biex imexxi d-dettalji tal-kuntatt fir-rigward tal-kategoriji kummerċjali, operazzjonali, tekniċi u ta' politika ta' dak l-Istat Membru, għax l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru hi responsabbli għaż-żamma tal-kuntatti tagħha stess. Se jkun possibbli li wieħed jara, iżda mhux jeditja, id-dettalji tal-kuntatt tal-Istati Membri l-oħra.";

(2) Fl-Anness III, l-Appendiċi hu emendat kif ġej:

(a) Fl-ewwel tabella, l-entrata "Żmien tal-iskadenza" tinbidel b'dan li ġej:

"Żmien tal-iskadenza	Dan hu data u ħin fakultattivi (bil-format UTC). Dan il-valur tiffissah biss is-sistema ċentrali għat-talbiet li jintbagħtu u jiġi kkalkulat skont id-data/il-ħin meta s-sistema ċentrali tirċievi l-ewwel talba. Dan jinforma lill-Istat Membru tat-tweġiba dwar il-ħin meta tiskadi t-talba. Dan il-valur mhux meħtieġ fl-ewwel talbiet mibgħuta lis-sistema ċentrali u fil-messaġġi kollha tat-tweġiba.	Le"

(b) Fit-tabella bl-intestatura "Tweġiba għall-Kontroll tar-Reputazzjoni Tajba", l-entrata "Numru tal-Liċenzja Komunitarja" tinbidel b'dan li ġej:

"Numru tal-Liċenzja Komunitarja	In-numru tas-serje tal-liċenzja Komunitarja tal-impriża tat-trasport (entrata alfanumerika għal test liberu, twil minn 1 sa 20).	Iva"

(c) Fit-tabella bl-intestatura "Talba għal Notifika ta' Ksur", l-entrata "Numru tal-Liċenzja Komunitarja" tinbidel b'dan li ġej:

"Numru tal-Liċenzja Komunitarja	In-numru tas-serje tal-kopja awtentika ċċertifikata jew tal-liċenzja Komunitarja tal-impriża tat-trasport (entrata alfanumerika għal test liberu, twil minn 1 sa 20).	Iva"

(d) Fit-tabella bl-intestatura "Tweġiba għal Notifika ta' Ksur", wara l-entrata "Isem l-Impriża tat-Trasport" jiddaħħlu dawn l-entrati li ġejjin:

"Indirizz tal-Impriża tat-Trasport	L-indirizz tal-impriża tat-trasport (l-indirizz, il-kodiċi postali, il-belt u l-pajjiż) kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva

Numru tal-Liċenzja Komunitarja	In-numru tas-serje tal-liċenzja Komunitarja tal-impriża tat-trasport kif irreġistrat fir-reġistru (entrata alfanumerika għal test liberu, twil minn 1 sa 20).	Iva
Status tal-Liċenzja Komunitarja	L-istatus tal-liċenzja Komunitarja tal-impriża tat-trasport kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva
Vetturi Ġestiti	L-għadd ta' vetturi ġestiti kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva"

(e) Fit-tabella bl-intestatura "Talba ta' Kontroll tal-Liċenzja Komunitarja", l-entrata "Numru tal-Liċenzja Komunitarja" tinbidel b'dan li ġej:

"Numru tal-Liċenzja Komunitarja	In-numru tas-serje tal-kopja awtentika ċċertifikata jew tal-liċenzja Komunitarja li dwarha qed jintalbu d-dettalji (entrata alfanumerika għal test liberu, twil minn 1 sa 20).	Iva"

(f) It-tabella bl-intestatura "Tweġiba għall-Kontroll tal-Liċenzja Komunitarja" hija emendata kif ġej:

(i) Wara l-entrata "Awtorità Oriġinatriċi" jiddaħħlu dawn l-entrati li ġejjin:

"Kodiċi tal-Istatus	Il-kodiċi tal-istatus tat-tweġiba (eż. instabet, ma nstabitx, error, eċċ.).	Iva
Messaġġ tal-Istatus	Deskrizzjoni tal-istatus spjegatorju (jekk meħtieġa).	Le"

(ii) L-entrata "Impriża tat-Trasport" tinbidel b'dan li ġej:

"Impriża tat-Trasport	Iva, jekk instab il-Kodiċi tal-Istatus"

(iii) L-entrata "Dettalji tal-Liċenzja Komunitarja" tinbidel b'dan li ġej:

"Dettalji tal-Liċenzja Komunitarja	Iva, jekk instab il-Kodiċi tal-Istatus"

(iv) Wara l-entrata "Dettalji tal-Liċenzja Komunitarja" jiddaħħlu dawn l-entrati li ġejjin:

"Awtorità tal-Liċenzjar	L-awtorità li ħarġet il-liċenzja Komunitarja lill-impriża tat-trasport	Iva"

(v) L-entrati "Numru tal-Liċenzja" u "Status tal-Liċenzja" jinbidlu b'dan li ġej:

"Numru tal-Liċenzja	In-numru tas-serje tal-liċenzja Komunitarja tal-impriża tat-trasport kif irreġistrat fir-reġistru (entrata alfanumerika għal test liberu, twil minn 1 sa 20).	Iva
Status tal-Liċenzja	L-istatus tal-liċenzja Komunitarja tal-impriża tat-trasport kif irreġistrat fir-reġistru.	Iva"

(vi) L-entrati "Dettalji tal-Kopja Awtentika Ċċertifikata" u "Numru tal-Liċenzja" jinbidlu b'dan li ġej:

"Dettalji tal-Kopja Awtentika Ċċertifikata		*Le*
Numru tal-Kopja Awtentika Ċċertifikata	In-numru tas-serje tal-kopja awtentika ċċertifikata tal-liċenzja Komunitarja tal-impriża tat-trasport kif irreġistrat fir-reġistru (entrata alfanumerika għal test liberu, twil minn 1 sa 20).	Iva"

(vii) L-entrati "Status tal-Liċenzja", "Tip ta' Liċenzja", "Data tal-Bidu" u "Data ta' Sospensjoni" jitħassru;

(viii) L-entrata "Data ta' Skadenza tas-Sospensjoni" tinbidel b'dan li ġej:

"Data ta' Skadenza tal-Irtirar	Id-data meta jiskadi l-irtirar tal-kopja awtentika ċċertifikata tal-liċenzja Komunitarja.	Le"

(3) Fl-Anness VI, fl-aħħar tal-punt 2.2, tiżdied din is-sentenza ġejja:

"Meta jintalbu, il-Kummissjoni għandha tingħata dettalji dwar din il-proċedura tal-eskalazzjoni";

(4) L-Anness VII huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Sabiex tkun żgurata l-privatezza, id-dejta għall-finijiet statistiċi u tad-direzzjonar għandha tkun anonima. Id-dejta li tidentifika meniġer tat-trasport speċifiku, impriża tat-trasport speċifika, liċenzja Komunitarja speċifika jew CPC speċifika mhux se tkun disponibbli għall-finijiet statistiċi."

(b) Il-punti 4 u 5 jinbidlu b'dan li ġej:

"4. Id-dejta personali mhux se tinżamm fir-reġistri għal iżjed minn sitt (6) xhur minn meta titlesta tranżazzjoni. L-informazzjoni statistika u tad-direzzjonar għandha tinżamm indefinittivament.

5. Id-dejta statistika li tintuża għar-rappurtar tista' tinkludi, fost l-oħrajn:

(a) L-Istat Membru tat-talba.

(b) L-Istat Membru tat-tweġiba.

(c) It-tip ta' messaġġ.

(d) Il-kodiċi tal-istatus tat-tweġiba.

(e) Id-data u l-ħin tal-messaġġi.

(f) Il-ħin tat-tweġiba.";

(5) Fl-Anness VIII, il-punt 2.4 jinbidel b'dan li ġej:

"2.4. F'kull każ, kull Talba ta' Notifika ta' Ksur jew Tweġiba għal Notifika ta' Ksur għandha iġi rikonoxxuta b'Rikonoxximent ta' Notifika ta' Ksur";